30 ta' Mejju, 1953

**Imhallef :**
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Giuseppe Galdes

**Traffiku — Sewqan Perikoluż — "Main Road" u "Side Road".**

*Id-driver li minn "side road" irid jidhol f'"main road" ghandu jidhol fiha meta l-"main road" hi talment libera li hu jista' jghaddi ġo fiha bla ma jiehu riskju li driver prudenti ma ghandux jiehu. Ghaldaqstant driver li minn "side road" jidhol ġo "main road" bi speed relativament qawwi, bla ma jesplora l-"main road", meta l-viżwali ma hix libera, u meta hemm traffiku miż-żewġ nahħiet, jagħmel manuvra perikoluża.*

*Sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bżonn li jkun hemm xi haġa aktar minn sempliċi vjolazzjoni ta' norma regolamentari; imma ma hemmx bżonn li l-manuvra tikkonkreta ruhha f'konsegwenzi diżastrużi. Il-liġi, in tema ta' sewqan perikoluż, tikkuntenta ruhha bil-perikolu potenzjali, u ma tridx il-perikolu tradott f'realtà.*

B'sentenza taghha tas-17 ta' April 1953, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabet lill-imputat hati talli saq motor-van b'giri aktar milli jmissu u b'manjera perikoluża, u, fil-hin li taghtu l-beneficċju ta' l-art. 23 Kap. 23 relativ ghall-"first offenders", issospendietlu l-liċenzi tas-sewqan ghal żmien tliet xhur;

Trattat l-appell ta' l-imputat minn din is-sentenza, din il-Qorti kkunsidrat;

*Omissis;*

Kwantu għas-sewqan perikoluż, id-difiża ssottomettiet illi l-imputat, meta ħareġ għal ġol-"main road", iġġudika li seta' jaqsam bla ħsara, u qasam, u fil-fatt ma ġara xejn, u għalhekk sewqan perikoluż ma kienx hemm;

Id-difensur żied igħid li altrimenti fit-triq principali battuta ferm, kif inhi Marina Road, it-traffiku fis-"side roads" ma jkollu qatt "chance" li jidħol għal ġol-"main road";

L-argument hu inġenjuż, imma mhux aċċettabili;

Ċertament is-"side road driver" għandu dritt li jidħol ġol-"main road", imma għandu jidħol meta l-"main road" tkun talment libera li hu jista' jgħaddi għal ġo fiha bla ma jieħu risk ju li driver prudenti ma għandux jieħu. Fil-każ preżenti hu ħa riskju tax-xorta ta' dawk li jissejħu "a gambler's risk", għax daħal bi speed relativament qawwi, bla ma esplora l-"main road" meta l-viżwali ma kienetx libera u meta kien hemm traffiku miż-żewġ naħħiet, tant li mix-xhieda ta' Conti jidher ċar li l-manuvra, għalkemm ma ġara xejn, ġiet eżegwita "by a hair's breadth", talment li Conti qal li għal ftit ma tajjarx il-van ta' l-imputat u li, meta raħ jaqsam b'dak il-mod quddiemu, hu, kif esprima ruħu skultorjament, "kesaħ". Lill-Ispettur Coppola s-sewqan ta' l-imputat għamillu l-istess impressjoni. Ċertament il-Qorti ma għandhiex toqgħod biss fuq l-impressjoni soġġettiva ta' drivers oħra, għax l-impressjonabilità tiddependi ħafna mit-temperament varjabili ta' l-individwi; iżda f'dan il-każ hemm il-fatti li jispjegaw u jiġġustifikaw dik l-impressjoni taż-żewġ xhieda;

Li manuvra simili hekk eżegwita, fil-kontinġenzi ta' dan il-każ, hija perikoluża ma jidherx li jista' jkun hemm dubju. Sabiex ikun hemm "perikolu" hemm bżonn li jkun hemm xi ħaġa aktar minn sempliċi vjolazzjoni ta' norma regolamentari. Ma hemmx bżonn, però, li l-manuvra tikkonkreta ruħha f'konsegwenzi diżastrużi, għax il-liġi, in tema ta' sewqan perikoluż, tikkuntenta ruħha evidentement bil-perikolu potenzjali, u ma tridx il-perikolu tradott f'realtà. Fil-kodiċi stradali taljan il-koeffiċjenti tal-perikolu huwa mpost bħala limitazzjo-

ni tal-veločità, u r-regolamenti ta' dak il-kodiċi jagħtu din id-deskrizzjoni tal-perikolu; liema deskrizzjoni hi, għall-motiv ta' l-"eadem ratio", applikabili għall-każ ta' sewqan perikoluż bl-"addendum" imsemmi "infra". Jingħad hekk (art. 36 ta' dak il-kodiċi) :— "........... pericolo per la sicurezza delle persone e delle cose a causa di disordine o di intralcio per la circolazione";

Il-Qorti taħseb, għalhekk, li hemm il-perikolu kontemplat mill-Liġi Maltija relativament għall-mod tas-sewqan, "meta s-sewqan ikun tali li jikkrea potenzjalità ta' ħsara linnies jew lill-vetturi, jew lil proprjetà oħra, jew meta jikkaġuna diżordni jew ostakolu tali fit-traffiku li jikkrea possibilità ta' kolliżjonijiet jew disgrazzji";

Ta' din ix-xorta kienet indubbjament il-manuvra inkonsulta ta' l-appellant;

L-appell għalhekk hu miċħud u s-sentenza appellata konfermata. Is-sospensjoni tibda tgħaddi minn nhar it-Tnejn, l-ewwel ta' Ġunju 1953.

---